

### Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (<sup>(1)</sup>) u l-prinċipju ta' newtralità fiskali jippermettu lil Stat Membru li jeskludi mill-benefiċċju tal-eżenzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni biss il-logħob tal-ażopard jew ta' flus ipprovdut elettronikament, filwaqt li l-logħob tal-ażopard jew ta' flus li ma huwiex ipprovdut elettronikament jibqa' eżenti mill-VAT?
- 2) L-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112 u l-prinċipju ta' newtralità fiskali jippermettu lil Stat Membru li jeskludi mill-benefiċċju tal-eżenzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni biss il-logħob tal-ażopard jew ta' flus ipprovdut elettronikament bl-eskużjoni tal-lotteriji li jibqgħu eżenti mill-VAT irrispettivament minn jekk dawn ikunux ipprovduti elettronikament?
- 3) It-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jippermetti lil qorti superjuri tiddeċiedi li żżomm l-effetti ta' dispożizzjoni tad-dritt intern li hija tannulla minħabba ksur tad-dritt intern mingħajr ma tiddeċiedi dwar il-ksur tad-dritt tal-Unjoni li tqajjem ukoll quddiemha, u, għalhekk, mingħajr ma tagħmel id-domanda preliminari dwar il-kompatibbiltà ta' din id-dispożizzjoni tad-dritt intern mad-dritt tal-Unjoni u lanqas ma tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kundizzjonijiet li fihom hija tista' tiddeċiedi li żżomm l-effetti ta' din id-dispożizzjoni minkejha l-inkompatibbiltà tagħha mad-dritt tal-Unjoni?
- 4) Jekk ir-risposta għal waħda mid-domandi preċedenti tkun fin-negattiv, il-Qorti Kostituzzjonal setgħet iż-żomm l-effetti passati tad-dispożizzjoni jiet li hija annullat minħabba l-inkompatibbiltà tagħhom mar-regoli nazzjonali dwar it-tqassim tal-kompetenzi, meta dawn id-dispożizzjoni kienu wkoll inkompatibbli mad-Direttiva 2006/112, u dan sabiex jiġu evitati diffikultajiet baġiżtar u amministrattivi kkawżati mir-imbors tat-taxxi digħi mħallsa?
- 5) Jekk ir-risposta għad-domanda preċedenti tkun fin-negattiv, il-persuna taxxabbi tista' titħallas lura l-VAT li hija tkun ħallset fuq il-marġni gross reali tal-logħob u tal-imħatri li hija topera, u dan abbażi ta' dispożizzjoni inkompatibbli mad-Direttiva 2006/112 u mal-prinċipju ta' newtralità fiskali?

(<sup>1)</sup> ĠU 2006, L 347, p. 1.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Frar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Augstākā tiesa (Senāts) – il-Latvja) – SIA “Ogres HES”, fil-preżenza ta’: Sabiedrisko pakalpojumu regulēšanas komisija, Ekonomikas ministrija, Finanšu ministrija**

(Kawża C-152/21 (<sup>1)</sup>), Ogres HES)

(2023/C 164/43)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1)</sup> ĠU C 242, 21.6.2021.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Diċembru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal d'arrondissement de Luxembourg – il-Lussemburgu) – G-Finance SARL, DV vs Luxembourg Business Registers**

(Kawża C-317/21 (<sup>1)</sup>), G-Finance)

(2023/C 164/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1)</sup> ĠU C 297, 26.7.2021.